MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 808/2010

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita` numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' Pfizer Products Inc., kumpanija estera registrata fl-Istat tal-Connecticut fl-Istati Uniti tal-Amerika, b'indirizz ta' Eastern Point Road, Groton, Connecticut 06340, Stati Uniti tal-Amerika.**

**vs.**

**Alex Borg, b'dettalji ta' identifikazzjoni mhux maghrufa fil-mument tal-prezentata ta' dan l-att gudizzjarju, u b'indirizz indikat fuq l-inkartament kummercjali relattiv bhala dak ta' "62, St Mary Street, Sliema, Malta".**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' **Pfizer Products Inc.**, kumpanija estera registrata fl-Istat tal-Connecticut fl-Istati Uniti tal-Amerika, b'indirizz ta' Eastern Point Road, Groton, Connecticut 06340, Stati Uniti tal-Amerika datat 11 ta' Awwissu 2010 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

1. Illi l-kumpanija attrici Pfizer Products Inc. hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* in konnessjoni man-negozju taghha u ta' kumpaniji ohrajn relatati maghha, fi prodotti farmacewtici fosthom dawk dwar il-prodotti "VIAGRA", maghrufin sew madwar id-dinja nkluza Malta.

2. Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, il-kumpanija attrici flimkien ma' kumpaniji ohra affiljati, kisbet reputazzjoni u avvjament enormi in konnessjoni mat-*trademarks* taghha dwar prodotti "VIAGRA".

3. Illi fost ohrajn, il-kumpanija attrici ghandha rregistrati f'Malta t-*trademark* bin-numru ta' registrazzjoni 40581 (rapprezentazzjonijiet tridimensjonali tal-pillola VIAGRA, kulur blu), dwar *cardiovascular preparations and pharmaceutical preparations for the treatment of sexual dysfunction*, kif ukoll it-*trademark* bin-numru ta' registrazzjoni 35830 – PFIZER (kelma), dwar *pharmaceutical preparations* fost ohrajn.

4. Illi l-kumpanija attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kollha tal-***Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights*** u tal-**Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitolu erbgha mija u erbatax (414) tal-Ligijiet ta' Malta]** biex b'hekk, b'applikazzjoni tal-**Artikolu ghaxra (10) tal-istess**

***Council Regulation (EC) No 1383/2003***, tgawdi mill-protezzjoni moghtija *inter alia* fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafu "a", erbgha (4) u tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kap. 414**.

5. Illi recentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-**artikolu wiehed (1) subartikolu wiehed (1.) tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003* u fl-artikolu erbgha (4) tal-istess Kap. 414** hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-*EMS parcel post* li ghandu r-referenza EE322917472CN/EE500781858MT kontenenti kwantita' ta' prodotti farmacewtici konsistenti fi pilloli kulur blu u fil-forma ta' djamant u li kollha ghandhom fuqhom *trademark* "*pfizer*", liema prodotti waslu fil-*Parcel Post Office* principali ta' MaltaPost p.l.c. gewwa Hal Qormi ghar-rilaxx favur il-konvenut. L-istess Kontrollur tad-Dwana nforma lill-kumpanija attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali.

6. Illi l-kumpanija attrici giet mgharrfa bis-sejba fl-erbatax (14) ta' Lulju elfejn u ghaxra (2010) u, wara li ezaminat ritratti elettronici u kampjuni tal-oggetti in kwistjoni, ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Min-naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lill-kumpanija attrici kopja ta' *EMS express mail waybill* relattiva ghal dan il-kaz li tindika bhala kunsinnatarju lil "Alex Borg", b'indirizz hemmhekk indikat ta' "62, St Mary Street, Sliema, Malta" u b'indikazzjoni ta' numru tal-*mobile* ta' "*00356 79064468*".

7. Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox madwar elfejn hames mija u wiehed u sittin (2561) *blue diamond shape tablets*, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tal-kumpanija attrici *stante* li falsifikati. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u oltre d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru erbgha (4) ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli tnejn (2) subartikolu wiehed (1.)**

**paragrafu "(a)", sittax (16) u sbatax (17) tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003*, u tal-artikoli ghaxra (10) u erbatax (14) sa dsatax (19) tal-Att tal-elfejn (2000) Dwar it-*Trademarks* [Kapitolu erbgha mija u sittax (416) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta].**

8. Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefigga terminu sal-hdax (11) ta' Awissu elfejn u ghaxra (2010) inkluz, sabiex il-kumpanija attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz.

9. Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati.

10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti u cjioe' kwantita` ta' prodotti farmacewtici konsistenti fi pilloli kulur blu u fil-forma ta' djamant u li kollha ghandhom fuqhom *trademark* "*pfizer*", liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*EMS parcel post* li ghandu r-referenza EE322917472CN/EE500781858MT kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tal-kumpanija attrici *stante* li falsifikati.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lill-kumpanija attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez tal-konvenut.

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenut mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni.

4. Tordna li l-konvenut ghandu jbati l-ispejjez ’l ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat l-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok “A” sa Dok. “H” kif jidhru esebiti minn fol. 6 sa fol. 31 tal-process.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti biex jinstema’ fis-seduta tad-9 ta’ Novembru 2010, b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami.

Rat li ghalkemm l-intimat gie notifikat bir-rikors u bid-dokumenti, u anke bl-avviz tas-smigh kif jidher *a tergo* 61 tal-process, xorta baqa’ ma pprezenta l-ebda risposta u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-13 ta’ Jannar 2011 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Luigi Sansone ghall-attur u ddikjara li jonqos biss li jipprezenta x-xhieda ta’ George Agius li kien ser jipprezentaha fi zmien gimgha mid-data tas-seduta. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-2 ta’ Frar 2011; u tat-2 ta’ Frar 2011 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta’ Frar 2011.

Rat in-nota ta’ Dr. Luigi A Sansone datata 19 ta’ Jannar 2011 a fol. 72 tal-process li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta’ George Agius (Dok “LS 08”).

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta li l-kumpanija attrici ghandha rregistrati f'Malta t-*trademark* bin-numru ta' registrazzjoni 40581 (rapprezentazzjonijiet tridimensjonali tal-pillola VIAGRA, kulur blu), dwar *cardiovascular preparations and pharmaceutical preparations for the treatment of sexual dysfunction;*

Illi gie ppruvat li l-Kontrollur tad-Dwana ndika b'kollox madwar 2,561 *blue diamond shape tablets*, li kollha ghandhom fuqhom *trademark* "*pfizer*", li kienu fil-*EMS parcel post* li ghandu r-referenza EE322917472CN/EE500781858MT liema pilloli jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tal-kumpanija attrici *stante* li falsifikati u dan kif jirrizulta mir-rapport u dokumenti esebiti.

Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejba u wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta' intellettwali u dan kif jirrizulta mill-ezamijiet li saru (Dok. "E"), u ghalhekk l-pretensjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u fil-fatt ma humiex bl-ebda mod kontradetti.

Illi ghalhekk il-pretensjonijiet attrici jirrizultaw ippruvati, u fil-verita` lanqas huma kontestati, b'dan li salv li din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra kif hawn deciz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-intimat, u fil-waqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti u cioe' kwantita` ta' prodotti farmacewtici konsistenti fi pilloli kulur blu u fil-forma ta'

djamant u li kollha ghandhom fuqhom *trademark* “*pfizer*”, liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*EMS parcel post* li ghandu r-referenza EE322917472CN/EE500781858MT kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tal-kumpanija attrici *stante* li falsifikati.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din id-decizjoni jiddistruggi dawk l-oggetti, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-konvenut.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba *stante* dak provdut fit-tieni talba tal-azzjoni attrici.

4. Tordna li l-konvenut ghandu jbati l-ispejjez ’l ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat/konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------